Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 904/2010

tas-7 ta' Ottubru 2010

dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud

(tfassil mill-ġdid)

(ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	1	10.6.2013

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 904/2010

tas-7 ta' Ottubru 2010

dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud

(tfassil mill-ġdid)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003 tas-7 ta' Ottubru 2003 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud ([3]) ġie emendat b'mod sostanzjali diversi drabi. Peress li għandhom isiru aktar emendi, għandu jiġi mfassal mill-ġdid fl-interessi taċ-ċarezza.

(2) L-istrumenti għall-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn 'il quddiem imsejħa "VAT") fir-Regolament (KE) Nru 1798/2003 għandhom jissaħħu u jiġu ssupplimentati bħala konsegwenza tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2008; il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar strateġija koordinata biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fl-Unjoni Ewropea; u r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT (minn hawn 'il quddiem ir-"Rapport tal-Kummissjoni"). Kjarifiki editorjali u prattiċi tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1798/2003 huma wkoll meħtieġa.

(3) L-evażjoni u l-evitar tat-taxxa li jestendu għall-fruntieri kollha tal-Istati Membri jwasslu għal telf fil-baġit u għal ksur tal-prinċipju ta' tassazzjoni ġusta. Dawn jistgħu wkoll jipprovokaw distorsjonijiet tal-movimenti tal-kapital u tal-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni. Huma għalhekk jolqtu l-operat tas-suq intern.

([1]) Opinjoni tal-5 ta' Mejju 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Opinjoni tas-17 ta' Frar 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU L 264, 15.10.2003, p. 1.

▼B

(4) Il-ġlieda kontra l-evażjoni tal-VAT teħtieġ kooperazzjoni stretta bejn l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti f'kull Stat Membru responsabbli għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet f'dak il-qasam.

(5) Il-miżuri tal-armonizzazzjoni tat-taxxa meħuda biex jitlesta s-suq intern għandhom jinkludu l-istabbiliment ta' sistema komuni għal kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward ta' skambji ta' informazzjoni, fejn l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti tal-Istati Membri għandhom jassistu lil xulxin u jikkoperaw mal-Kummissjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tajba tal-VAT fuq provvisti ta' oġġetti u servizzi, fuq l-akkwist intra-Komunitarju ta' oġġetti u fuq l-importazzjoni tal-oġġetti.

(6) Il-kooperazzjoni amministrattiva m'għandhiex twassal għal ċaqliq bla bżonn ta' piżijiet amministrattivi bejn l-Istati Membri.

(7) Sabiex jiġbru t-taxxa dovuta, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw biex jgħinu biex jiżguraw li l-VAT tiġi stabbilita b'mod korrett. L-Istati Membri Huma għaldaqstant għandhom mhux biss iwettqu monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tat-taxxa dovuta fit-territorju tagħhom stess, iżda għandhom ukoll jipprovdu assistenza lil Stati Membri oħra għall-iżgurar tal-applikazzjoni korretta tat-taxxa relatata mal-attività mwettqa fit-territorju tagħhom stess iżda dovuta fi Stat Membru ieħor.

(8) Il-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-VAT fi transazzjonijiet transkonfinali taxxabbli fi Stat Membru ieħor li mhuwiex dak fejn il-fornitur huwa stabbilit jiddependi f'ħafna każijiet mill-informazzjoni miżmuma mill-Istat Membru ta' stabbiliment jew li tista' tinkiseb aktar faċilment minn dak l-Istat Membru. Superviżjoni effettiva ta' tali transazzjonijiet għaldaqstant tiddependi fuq l-Istat Membru ta' stabbiliment li jiġbor jew li jkun f'pożizzjoni li jiġbor dik l-informazzjoni.

(9) Għall-istabbiliment tal-iskema ta' punt ta' waqfa waħda prevista mid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u għall-applikazzjoni tal-proċedura ta' rifużjoni għal persuni taxxabbli li mhumiex stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni prevista fid-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/KE, għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor ([2]), huma meħtieġa regoli dwar l-iskambju u l-ħażna ta' informazzjoni mill-Istati Membri.

(10) F'sitwazzjonijiet transkonfinali, huwa importanti li l-obbligi ta' kull Stat Membru jiġu ppreċiżati sabiex ikun possibbli kontroll effettiv tat-taxxa fl-Istat Membru fejn tkun dovuta.

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 44, 20.2.2008, p. 23.

▼B

(11) Ħażna elettronika u trasmissjoni ta' ċerta informazzjoni għal skopijiet ta' kontroll tal-VAT huma indispensabbli għall-funzjonament korrett tas-sistema tal-VAT. Huma jippermettu skambju rapidu ta' informazzjoni u aċċess awtomatizzat għall-informazzjoni, li jsaħħu l-ġlieda kontra l-frodi. Dan jista' jinkiseb bit-tisħiħ tad-databases dwar persuni soġġetti għall-VAT u t-transazzjonijiet intra-Komunitarji tagħhom permezz tal-inklużjoni f'dawk id-databases ta' firxa ta' informazzjoni dwar il-persuni taxxabbli u t-transazzjonijiet tagħhom.

(12) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw proċeduri tajba ta' verifika biex jiżguraw li l-informazzjoni hija aġġornata, komparabbli u ta' kwalità tajba, biex b'hekk tiżdied l-affidabbiltà. Il-kondizzjonijiet għall-iskambju ta', u l-aċċess awtomatizzat tal-Istati Membri għal dejta miżmuma elettronikament għandhom jiġu definiti b'mod ċar.

(13) Sabiex il-ġlieda kontra l-frodi tkun effettiva, huwa meħtieġ li jiġi previst skambju ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel. Sabiex l-iskambju ta' informazzjoni jiġi ffaċilitat, il-kategoriji li għalihom huwa meħtieġ li jiġi stabbilit skambju awtomatiku, għandhom jiġu speċifikati.

(14) Kif indikat fir-rapport tal-Kummissjoni, il-feedback hija mezz adatt biex jiġi żgurat titjib kontinwu tal-kwalità tal-informazzjoni skambjata. Għaldaqstant, għandu jiġi stabbilit qafas għall-għoti ta' feedback.

(15) Għall-monitoraġġ effettiv tal-VAT fit-transazzjonijiet transkonfinali, huwa meħtieġ li tiġi prevista l-possibbiltà ta' kontrolli simultanji mill-Istati Membri u tal-preżenza ta' uffiċjali ta' Stat Membru wieħed fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, fil-qafas tal-kooperazzjoni amministrattiva.

(16) Il-konferma tal-validità tan-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT online hija għodda li qiegħda tintuża dejjem aktar mill-operaturi. Is-sistema għall-ikkonfermar tal-validità tan-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT għandha tipprovdi konferma awtomatizzata tal-informazzjoni rilevanti lill-operaturi.

(17) Xi persuni taxxabbli huma soġġetti għal obbligi speċifiċi li huma differenti minn dawk fis-seħħ fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti, b'mod partikolari rigward il-ħruġ ta' fatturi, meta jipprovdu oġġetti jew servizzi lil klijenti stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu li jagħmel l-informazzjoni dwar tali obbligi disponibbli minnufih għal dawk il-persuni taxxabbli.

▼B

(18) L-esperjenza prattika reċenti tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1798/2003 fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-frodi karużell uriet li f'ċerti każijiet huwa essenzjali li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni ħafna aktar rapidu, li jkopri informazzjoni aktar estiża u ddirezzjonata aħjar għall-ġlieda effettiva kontra l-frodi. F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2008, għandu jiġi stabbilit netwerk deċentralizzat mingħajr personalità ġuridika, li għandu jissejjaħ Eurofisc, fil-qafas ta' dan ir-Regolament għall-Istati Membri kollha, sabiex tiġi promossa u ffaċilitata kooperazzjoni multilaterali u deċentralizzata li tippermetti azzjoni mmirata u rapida biex jiġu miġġielda tipi speċifiċi ta' frodi.

(19) L-Istat Membru ta' konsum għandu responsabbiltà primarja biex jiżgura li fornituri mhux stabbiliti jikkonformaw mal-obbligi tagħhom. Għal dan il-għan, l-applikazzjoni tal-iskema speċjali temporanja għal servizzi forniti b'mod elettroniku li hi prevista fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE teħtieġ id-definizzjoni ta' regoli dwar il-provvista ta' informazzjoni u trasferiment ta' flus bejn l-Istat Membru ta' identifikazzjoni u l-Istat Membru ta' konsum.

(20) Informazzjoni miksuba minn Stat Membru mingħand pajjiżi terzi tista' tkun utli ħafna għal Stati Membri oħra. Bl-istess mod, informazzjoni miksuba minn Stat Membru mingħand Stati Membri oħra tista' tkun utli ħafna għal pajjiżi terzi.Għaldaqstant, il-kondizzjonijiet għall-iskambju ta' tali informazzjoni għandhom jiġu speċifikati.

(21) Ir-regoli nazzjonali applikabbli għas-segretezza tal-banek m'għandhomx jostakolaw l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(22) Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa miżuri oħra adottati fil-livell tal-Unjoni li jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT.

(23) Għal raġunijiet ta' effettività u ta' ħeffa u għal raġunijiet ta' spejjeż, huwa essenzjali li l-informazzjoni kkomunikata taħt dan ir-Regolament, safejn ikun possibbli, tingħata elettronikament.

(24) Fid-dawl tan-natura ripetittiva ta' wħud mit-talbiet u tad-diversità lingwistika fl-Unjoni, huwa importanti li, fil-kuntest tal-iskambju ta' informazzjoni, jiżdied l-użu ta' formoli standard biex it-talbiet għal informazzjoni jkunu jistgħu jiġu pproċessati b'mod aktar rapidu.

(25) Il-limiti ta' żmien stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-għoti ta' informazzjoni għandhom jiġu kkunsidrati bħala perijodi massimi li m'għandhomx jinqabżu, bil-prinċipju li, sabiex il-kooperazzjoni tkun effettiva, l-informazzjoni diġà disponibbli lill-Istat Membru rikjedenti għandha tiġi pprovduta mingħajr aktar dewmien.

▼B

(26) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq li jiġu kkunsidrati limitazzjonijiet ta' ċerti drittijiet u obbligi stabbiliti mid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ([1]) sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi msemmija fl-Artikolu 13(1)(e) ta' dik id-Direttiva. Tali limitazzjonijiet huma meħtieġa u proporzjonali fid-dawl tat-telf potenzjali tad-dħul għall-Istati Membri u l-importanza kruċjali ta' informazzjoni koperta b'dan ir-Regolament għall-effettività tal-ġlieda kontra l-frodi.

(27) Peress li l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament huma miżuri ta' portata ġenerali fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([2]), jeħtieġ li jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja prevista fl-Artikolu 5 ta' dik id-Deċiżjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li bihom l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri responsabbli għall-applikazzjoni tal-liġijiet dwar il-VAT għandhom jikkoperaw flimkien u mal-Kummissjoni biex jiżguraw konformità ma' dawk il-liġijiet.

Għal dan il-għan, huwa jistabbilixxi regoli u proċeduri biex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jikkoperaw u jiskambjaw bejniethom kwalunkwe informazzjoni li tista' tgħin biex issir valutazzjoni korretta tal-VAT, biex jikkontrollaw l-applikazzjoni korretta tal-VAT, b'mod partikolari fil-każ ta' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji, u biex tiġi miġġielda l-frodi fil-konfront tal-VAT. B'mod partikolari, jiddefinixxi r-regoli u l-proċeduri li jippermettu lill-Istati Membri jiġbru u jiskambjaw tali informazzjoni b'mezzi elettroniċi.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li bihom l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jassistu biex jipproteġu d-dħul mill-VAT fl-Istati Membri kollha.

3. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-applikazzjoni fl-Istati Membri tar-regoli għall-għajnuna reċiproka fi kwistjonijiet kriminali.

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

▼B

4. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli u proċeduri għall-iskambju b'mezzi elettroniċi ta' informazzjoni dwar il-VAT fuq is-servizzi pprovduti b'mod elettroniku skont l-iskema speċjali prevista fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE u wkoll għal kwalunkwe skambju sussegwenti ta' informazzjoni u, safejn huma kkonċernati s-servizzi koperti minn dik l-iskema speċjali, għat-trasferiment ta' flus bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Artikolu 2

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "uffiċċju ċentrali ta' kollegament" tfisser l-uffiċċju li nħatar skont l-Artikolu 4(1) bir-responsabbiltà prinċipali għal kuntatti mal-Istati Membri l-oħra fil-qasam tal-kooperazzjoni amministrattiva;

(b) "dipartiment ta' kollegament" tfisser kwalunkwe uffiċċju għajr l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament li nħatar bħala tali mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 4(2) biex l-informazzjoni tiġi skambjata direttament fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament;

(c) "uffiċjal kompetenti" tfisser kwalunkwe uffiċjal li jista' jiskambja informazzjoni direttament fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament li għaliha ġie awtorizzat skont l-Artikolu 4(3);

(d) "awtorità rikjedenti" tfisser l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament, dipartiment ta' kollegament jew kwalunkwe uffiċjal kompetenti ta' Stat Membru li jagħmel talba għall-għajnuna f'isem l-awtorità kompetenti;

(e) "awtorità rikjesta" tfisser l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament, dipartiment ta' kollegament jew kwalunkwe uffiċjal kompetenti ta' Stat Membru li jirċievi talba għall-għajnuna f'isem l-awtorità kompetenti;

(f) "transazzjonijiet intra-Komunitarji", tfisser il-provvista intra-Komunitarja ta' oġġetti jew ta' servizzi;

(g) "provvista intra-Komunitarja ta' oġġetti" tfisser kwalunkwe provvista ta' oġġetti li għandha tiġi ddikjarata fid-dikjarazzjoni rikapitolattiva prevista fl-Artikolu 262 tad-Direttiva 2006/112/KE;

(h) "provvista intra-Komunitarja ta' servizzi" tfisser kwalunkwe provvista ta' oġġetti li għandha tiġi ddikjarata fid-dikjarazzjoni rikapitolattiva prevista fl-Artikolu 262 tad-Direttiva 2006/112/KE;

(i) "akkwist intra-Komunitarju ta' oġġetti" tfisser l-akkwist tad-dritt skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2006/112/KE li tiddisponi bħala sid ta' proprjetà tanġibbli mobbli;

(j) "numru ta' identifikazzjoni tal-VAT" tfisser in-numru previst fl-Artikoli 214, 215 u 216 tad-Direttiva 2006/112/KE;

(k) "inkjesta amministrattiva" tfisser il-kontrolli, il-verifiki u azzjonijiet oħra kollha meħuda minn Stati Membri fil-qadi ta' dmirijiethom bil-għan li jiżguraw applikazzjoni korretta tal-leġislazzjoni tal-VAT;

▼B

(l) “skambju awtomatiku” tfisser il-komunikazzjoni sistematika ta’ informazzjoni definita minn qabel lil Stat Membru ieħor, mingħajr talba minn qabel;

(m) “skambju spontanju” tfisser il-komunikazzjoni mhux sistemika, fi kwalunkwe ħin u mingħajr talba minn qabel, ta’ informazzjoni lil Stat Membru ieħor;

(n) “persuna” tfisser:

(i) persuna fiżika;

(ii) persuna ġuridika;

(iii) fejn il-leġislazzjoni fis-seħħ tipprevedi hekk, assoċjazzjoni ta’ persuni rikonoxxuti bħala li għandhom il-kapaċità li jwettqu atti ġuridiċi iżda li m’għandhomx l-istatus ġuridiku ta’ persuna ġuridika; jew

(iv) kwalunkwe arranġament ġuridiku ieħor ta’ kwalunkwe natura u forma, li għandu personalità ġuridika jew le, u li jwettaq tranżazzjonijiet li huma soġġetti għall-VAT

(o) “aċċess awtomatizzat” tfisser il-possibbiltà ta’ aċċess mingħajr dewmien għal sistema elettronika biex tiġi kkonsultata ċerta informazzjoni li tinsab fiha;

(p) “b’mezzi elettroniċi” tfisser l-użu ta’ tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża l-kompressjoni diġitali) u l-ħażna ta’ informazzjoni, u l-utilizzazzjoni ta’ wajers, xandir bir-radju, teknoloġiji ottiċi jew mezzi oħra elettromanjetiċi;

(q) “netwerk CCN/CSI” tfisser il-pjattaforma komuni bbażata fuq in-netwerk komuni ta’ komunikazzjoni (minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ “CCN”) u l-interface komuni tas-sistema (minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ “CSI”), żviluppata mill-Unjoni biex tiżgura t-trażmissjonijiet kollha b’mezzi elettroniċi bejn awtoritajiet kompetenzi fiż-żona ta’ dwana u taxxa;

(r) “kontroll simultanju” tfisser il-kontrolli koordinati tas-sitwazzjoni fiskali ta’ persuna taxxabbli waħda jew ta’ diversi minnhom li jkunu kollegati bejniethom, organizzat minn tal-anqas żewġ Stati Membri parteċipanti, li jkollhom interessi komuni jew komplementari.

2. Mill-1 ta’ Jannar 2015, id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 358, 358a u 369a tad-Direttiva 2006/112/KE għandhom japplikaw ukoll għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 3

L-awtoritajiet kompetenti huma l-awtoritajiet li f’isimhom għandu jkun applikat dan ir-Regolament, jew direttament jew permezz ta’ delega.

Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni sal-1 ta’ Diċembru 2010, bl-awtorità kompetenti tiegħu għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament u għandu jinforma sussegwentement lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar kwalunkwe tibdil għal dan.

▼M1

Il-Kroazja għandha tinforma lill-Kummissjoni sal-1 ta' Lulju 2013 dwar l-awtorità kompetenti tagħha għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u dwar il-bidliet sussegwenti msemmija fit-tieni paragrafu.

▼B

Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-Istati Membri lista tal-awtoritajiet kompetenti kollha u tippubblika din l-informazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar uffiċċju ċentrali ta' kollegament wieħed li jkun delegat bir-responsabbiltà prinċipali għall-kuntatti ma' Stati Membri oħra fil-qasam tal-kooperazzjoni amministrattiva. Huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan. L-uffiċċju ċentrali ta' kollegament jista' wkoll jintgħażel bħala r-responsabbli għall-kuntatti mal-Kummissjoni.

2. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru tista' taħtar dipartimenti ta' kollegament. L-uffiċċju ċentrali ta' kollegament għandu jkun responsabbli milli jżomm aġġornata l-lista ta' dawn id-dipartimenti u jagħmilha disponibbli għall-uffiċċji ċentrali ta' kollegament tal-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

3. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru tista', barra minn dan, taħtar, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti minnha, uffiċjali kompetenti li jistgħu jiskambjaw informazzjoni direttament fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament. Meta dan isir, tista' tillimita l-għanijiet ta' din il-ħatra. L-uffiċċju ċentrali ta' kollegament għandu jkun risponsabbli milli jżomm aġġornata l-lista ta' dawn l-uffiċjali u jagħmilha disponibbli għall-uffiċċji ċentrali ta' kollegament tal-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

4. L-uffiċjali li jiskambjaw informazzjoni skont l-Artikoli 28, 29 u 30 għandhom, f'kull każ, ikunu meqjusa bħala uffiċjali kompetenti għal dan il-għan, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 5

Meta dipartiment ta' kollegament jew uffiċjal kompetenti jibgħat jew jirċievi talba jew risposta għal talba għall-għajnuna, għandu jinforma lill-uffiċċju ċentrali ta' kollegament tal-Istat Membru tiegħu skont il-kondizzjonijiet stabbiliti minn dan tal-aħħar.

Artikolu 6

Meta dipartiment ta' kollegament jew uffiċjal kompetenti jirċievi talba għall-għajnuna li teħtieġ azzjoni barra t-territorju jew iż-żona operattiva tiegħu, huwa għandu jgħaddi din it-talba mingħajr dewmien lill-uffiċċju ċentrali ta' kollegament tal-Istat Membru tiegħu u jinforma lill-awtorità rikjedenti b'dan. F'dan il-każ, il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 10 għandu jibda mill-ġurnata ta' wara li t-talba għall-għajnuna ġiet mgħoddija lill-uffiċċju ċentrali ta' kollegament.

▼B

KAPITOLU II

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI FUQ TALBA

SEZZJONI 1

Talba għal informazzjoni u għal inkjesti amministrattivi

Artikolu 7

1. Fuq talba tal-awtorità rikjedenti, l-awtorità rikjesta għandha tikkomunika l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1, inkluż kwalunkwe informazzjoni relatata ma' każ jew każijiet speċifiċi.

2. Għall-fini ta' trasmissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità rikjesta għandha tirranġa għat-tmexxija ta' kull inkjesta amministrattiva neċessarja biex tinkiseb din l-informazzjoni.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2014, it-talba msemmija fil-paragrafu 1 tista' tinkludi talba raġunata għal inkjesta amministrattiva. Jekk l-awtorità rikjesta tikkunsidra li l-inkjesta amministrattiva mhijiex neċessarja, hija għandha tinforma immedjatament lill-awtorità rikjedenti bir-raġunijiet għal dan.

4. Mill-1 ta' Jannar 2015, it-talba msemmija fil-paragrafu 1 jista' jkun fiha talba motivata għal inkjesta amministrattiva speċifika. Jekk l-awtorità rikjesta tkun tal-fehma li l-ebda inkjesta amministrattiva mhi meħtieġa, hija għandha tgħarraf minnufih lill-awtorità rikjedenti bir-raġunijiet għal dan.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, inkjesta dwar l-ammonti ddikjarati minn persuna taxxabbli b'rabta mal-provvista tal-oġġetti jew tas-servizz elenkati fl-Anness I, li jsiru minn persuna taxxabbli stabbilita fl-Istat Membru tal-awtorità rikjesta u li jkunu taxxabbli fl-Istat Membru tal-awtorità rikjedenti, tista' tiġi rifjutata biss:

a) għar-raġunijiet previsti fl-Artikolu 54(1), meqjusin mill-awtorità rikjesta f'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-Aħjar Prattika rigward l-interazzjoni ta' dan il-paragrafu u l-Artikolu 54(1), lil għandha tiġi adottata f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2);

b) għar-raġunijiet previsti fil-paragrafi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 54, jew

c) għar-raġunijiet li l-awtorità rikjesta tkun diġà pprovdiet lill-awtorità rikjedenti l-informazzjoni dwar l-istess persuna taxxabbli, bħala riżultat ta' inkjesta amministrattiva mwettqa inqas minn sentejn qabel.

Meta l-awtorità rikjesta tirrifjuta inkjesta amministrattiva msemmija fit-tieni subparagrafu għar-raġunijiet stabbiliti fil-punti (a) jew (b), hija għandha xorta waħda tipprovdi lill-awtorità rikjedenti d-dati u l-ammonti ta' kwalunkwe provvista relatata magħmula mill-persuna taxxabbli fl-Istat Membru tal-awtorità rikjedenti matul l-aħħar sentejn.

▼B

5. Sabiex tikseb l-informazzjoni meħtieġa jew sabiex tmexxi l-inkjesta amministrattiva mitluba, l-awtorità rikjesta jew l-awtorità amministrattiva li għaliha għandha rikors għandha tipproċedi bħallikieku qed taġixxi għaliha nfisha jew fuq talba ta' awtorità oħra fl-Istat Membru tagħha.

Artikolu 8

It-talbiet għal informazzjoni u għal inkjesti amministrattivi skont l-Artikolu 7 għandhom, jintbagħtu permezz ta' formola standard adotatta skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2), ħlief fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 50 jew f'każijiet eċċezzjonali fejn it-talba tinkludi r-raġunijiet li għalihom l-awtorità rikjedenti tikkunsidra li l-formola standard mhijiex adatta.

Artikolu 9

1. Fuq it-talba tal-awtorità rikjedenti, l-awtorità rikjesta għandha tikkomunikalha kwalunkwe informazzjoni rilevanti li hija tikseb jew li għandha fil-pussess tagħha kif ukoll ir-riżultati ta' inkjesti amministrattivi, fil-forma ta' rapporti, dikjarazzjonijiet u kwalunkwe dokument ieħor, jew kopji ċċertifikati veri jew estratti minnhom.

2. Dokumenti oriġinali għandhom ikunu pprovduti biss meta dawn ma jkunux kontrarji għad-disposizzjonijiet fis-seħħ fl-Istati Membri fejn hija stabbilita l-awtorità rikjesta.

SEZZJONI 2

Limitu ta' żmien biex tiġi pprovduta informazzjoni

Artikolu 10

L-awtorità rikjesta għandha tipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 7 u 9 kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data tal-irċevuta tat-talba.

Madankollu, fejn l-awtorità rikjesta diġà għandha dik l-informazzjoni, il-limitu ta' żmien għandu jkun imnaqqas għal perijodu massimu ta' xahar.

Artikolu 11

F'ċerti kategoriji speċjali ta' każijiet jistgħu jiġu miftiehma limiti ta' żmien differenti minn dawk previsti fl-Artikolu 10 bejn l-awtoritajiet rikjesti u dawk rikjedenti.

Artikolu 12

Meta l-awtorità rikjesta ma tkunx tista' tirrispondi għat-talba sal-iskadenza prevista, hija għandha tinforma immedjatament lill-awtorità rikjedenti bil-kitba bir-raġunijiet għall-inkapaċità tagħha li tagħmel dan, u meta hija tikkunsidra meta ser tkun tista' tirrispondi.

▼B

KAPITOLU III

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI MINGĦAJR TALBA MINN QABEL

Artikolu 13

1. L-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru għandha, mingħajr talba minn qabel, tibgħat l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru ieħor ikkonċernat, fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn it-tassazzjoni titqies li sseħħ fl-Istat Membru tad-destinazzjoni u u l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru tal-oriġini hija meħtieġa għall-effettività tas-sistema ta' kontroll tal-Istat Membru tad-destinazzjoni;

(b) fejn Stat Membru għandu raġunijiet biex jemmen li fi Stat Membru ieħor sar jew jista' jkun li sar ksur tal-leġislazzjoni tal-VAT;

(c) fejn hemm riskju ta' telf ta' dħul mit-taxxa fl-Istat Membru l-ieħor.

2. L-iskambju ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel għandu jkun jew awtomatiku, skont l-Artikolu 14, jew spontanju, skont l-Artikolu 15.

3. L-informazzjoni għandha tintbagħat permezz ta' formoli standard li għandhom jiġu adottati skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2).

Artikolu 14

1. Dan li ġej għandu jiġi ddeterminat, skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2):

(a) il-kategoriji eżatti tal-informazzjoni li hija soġġetta għal skambju awtomatiku;

(b) il-frekwenza tal-iskambju awtomatiku għal kull kategorija ta' informazzjoni, u

(c) l-arranġamenti prattiċi għall-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni.

Stat Membru jista' jastjeni milli jieħu sehem fl-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni rigward kategorija waħda jew aktar meta l-ġbir ta' informazzjoni għal tali skambju jkun jeħtieġ l-impożizzjoni ta' obbligi ġodda fuq persuni soġġetti għall-VAT jew ikun jimponi piż amministrattiv sproporzjonat fuq l-Istat Membru.

Ir-riżultati tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni għal kull kategorija għandhom jiġu riveduti darba fis-sena mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 58(1), sabiex ikun żgurat li dan it-tip ta' skambju jseħħ biss fejn dan ikun l-aktar mezz effiċjenti għall-iskambju ta' informazzjoni.

▼B

2. Mill-1 ta' Jannar 2015, l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha, b'mod partikolari, tiskambja l-informazzjoni b'mod awtomatiku sabiex l-Istati Membri ta' konsum ikunu jistgħu jivverifikaw jekk persuni taxxabbli mhux stabbiliti fit-territorju tiegħu jiddikjarawx u jħallsux korrettament il-VAT dovuta fuq servizzi ta' telekomunikazzjoni, servizzi tax-xandir u servizzi fornuti elettronikament, kemm jekk dawk il-persuni taxxabbli jagħmlu użu mill-iskema speċjali prevista fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE u kemm jekk le. L-Istat Membru ta' stabbiliment għandu jgħarraf lill-Istat Membru ta' konsum bi kwalunkwe diskrepanza li jsir konxju tagħha.

Artikolu 15

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom, permezz ta' skambju spontanju, jgħaddu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(1) li ma tkunx ġiet mgħoddija permezz tal-iskambju awtomatiku msemmi fl-Artikolu 14 li tkun taf biha u li jikkunsidraw li tista' tkun utli lil dawk l-awtoritajiet kompetenti.

KAPITOLU IV

FEEDBACK

Artikolu 16

Fejn awtorità kompetenti tipprovdi informazzjoni skont l-Artikolu 7 jew 15, hija tista' titlob lill-awtorità kompetenti li tirċievi l-informazzjoni biex tagħti feedback dwarha. Jekk issir tali rikjesta, l-awtorità kompetenti li tirċievi l-informazzjoni għandha, mingħajr preġudizzju għarregoli dwar is-segretezza fiskali u l-protezzjoni tad-dejta applikabbli fl-Istat Membru tagħha, tibgħat feedback malajrkemm jista' jkun, bil-kondizzjoni li dan ma jimponix piż amministrattiv sproporzjonat fuqha. L-arranġamenti prattiċi għandhom jiġu stabbiliti skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2).

KAPITOLU V

HAŻNA U SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI SPEĊIFIKA

Artikolu 17

1. Kull Stat Membru għandu jaħżen f'sistema elettronika l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-informazzjoni li hu jiġbor skont il-Kapitolu 6 fit-Titolu XI tad-Direttiva 2006/112/KE;

(b) id-data dwar l-identità, l-attività, l-organizzazzjoni u l-indirizz tal-persuni li lilhom ikun attribwixxa numru ta' identifikazzjoni tal-VAT, li tkun inġabret skont l-Artikolu 213 tad-Direttiva 2006/112/KE, kif ukoll id-data meta ġie attribwit dak in-numru;

(c) id-dejta dwar in-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT li jkun attribwixxa li jkunu saru invalidi, u d-dati li fihom dawk in-numri jkunu saru invalidi, u

▼B

(d) l-informazzjoni li jiġbor skont l-Artikoli 360, 361, 364 u 365 tad-Direttiva 2006/112/KE kif ukoll, mill-1 ta' Jannar 2015, l-informazzjoni li jiġbor skont l-Artikoli 369c, 369f u 369g ta' dik id-Direttiva.

2. Id-dettalji tekniċi li jikkonċernaw it-tiftix awtomatizzat tal-informazzjoni msemmija fil-punti(b), (c) u (d) tal-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2).

Artikolu 18

Sabiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17 tkun tista' tiġi utilizzata fil-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament, dik l-informazzjoni għandha tkun disponibbli minn tal-inqas għal ħames snin mit-tmiem tal-ewwel sena kalendarja li fiha jingħata aċċess għall-informazzjoni.

Artikolu 19

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni disponibbli fis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 17 tinżamm aġġornata u tkun kompluta u eżatta.

Il-kriterji biex jiġi determinat tibdil li mhux rilevanti, essenzjali jew bżonnjuż u li jista' għaldaqstant ma jsirx, għandhom jiġu determinati skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2).

Artikolu 20

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17 għandha tiddaħħal mingħajr dewmien fis-sistema elettronika.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1)(a) għandha tiddaħħal fis-sistema elettronika mhux aktar tard minn xahar minn tmiem il-perijodu li għalih tirreferi dik l-informazzjoni.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, fil-każ li jkollha tiġi kkoreġuta jew miżjuda informazzjoni fis-sistema elettronika skont l-Artikolu 19, l-informazzjoni għandha tiddaħħal mhux aktar tard minn xahar wara l-perijodu li matulu tkun inġabret.

Artikolu 21

1. Kull Stat Membru għandu jagħti lill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor aċċess awtomatizzat għall-informazzjoni maħżuna skont l-Artikolu 17.

2. Fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1)(a), minn tal-anqas id-dettalji li ġejjin għandhom ikunu aċċessibbli:

(a) in-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT maħruġa mill-Istat Membru li qed jirċievi l-informazzjoni;

▼B

(b) il-valur totali tal-provvisti intra-Komunitarji kollha ta' oġġetti u l-valur totali tal-provvisti intra-Komunitarji kollha ta' servizzi lil persuni li għandhom numru ta' identifikazzjoni tal-VAT imsemmija fil-punt (a) mill-operaturi kollha identifikati għall-finijiet tal-VAT fl-Istat Membru li jipprovdi l-informazzjoni;

(c) in-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-persuni li wettqu l-provvisti ta' oġġetti u servizzi msemmijin fil-punt (b);

(d) il-valur totali tal-provvisti ta' oġġetti u servizzi msemmijin fil-punt (b) imwettqa minn kull waħda mill-persuni msemmijin fil-punt (c) għal kull persuna li ġiet attribwita numru ta' identifikazzjoni tal-VAT imsemmija fil-punt (a);

(e) il-valur totali tal-provvisti ta' oġġetti u servizzi msemmijin fil-punt (b) imwettqa minn kull waħda mill-persuni msemmijin fil-punt (c) għal kull persuna li ġiet attribwita numru ta' identifikazzjoni tal-VAT minn Stat Membru ieħor taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-aċċess huwa f'konnessjoni ma' investigazzjoni dwar suspett ta' frodi;

(ii) l-aċċess huwa permezz tal-uffiċjal ta' kollegament tal-Eurofisc, kif imsemmi fl-Artikolu 36(1) li jkollu identifikazzjoni personali għall-użu għas-sistemi elettroniċi li jippermettu l-aċċess għal din l-informazzjoni, u

(iii) l-aċċess huwa possibbli biss matul is-sigħat ta' xogħol ġenerali.

Il-valuri msemmija fil-punti (b), (d) u (e) għandhom jingħataw fil-munita tal-Istat Membru li jipprovdi l-informazzjoni u għandhom jirriferu għall-perijodi tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet rikapitolattivi rispettivi ta' kull persuna taxxabbli taħt l-Artikolu 263 tad-Direttiva 2006/112/KE.

Artikolu 22

1. Sabiex jiġi pprovdut lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa livell raġonevoli ta' ċertezza fir-rigward tal-kwalità u l-affidabbiltà tal-informazzjoni disponibbli permezz tas-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 17, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-dejta mogħtija mill-persuni taxxabbli u mill-persuni ġuridiċi li ma jkunux taxxabbli għall-identifikazzjoni tagħhom għal skopijiet ta' VAT konformement mal-Artikolu 214 tad-Direttiva 2006/112/KE, tkun, fil-valutazzjoni tagħhom, kompluta u eżatta.

L-Istati Membri għandhom jimplimentaw proċeduri għall-ivverifikar ta' din id-dejta kif determinat mir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju tagħhom. Il-verifiki għandhom jitwettqu, fil-prinċipju, qabel l-identifikazzjoni għal skopijiet ta' VAT jew, fejn jitwettqu biss kontrolli preliminari qabel din l-identifikazzjoni, mhux aktar tard minn sitt xhur minn din l-identifikazzjoni.

▼B

2 L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 58(1) bil-miżuri implimentati fil-livell nazzjonali biex tiġi żgurata l-kwalità u l-affidabbiltà tal-informazzjoni skont il-paragrafu 1.

Artikolu 23

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-numru tal-identifikazzjoni tal-VAT, imsemmi fl-Artikolu 214 tad-Direttiva 2006/112/KE, jidher bħala invalidu fis-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament mill-inqas fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) meta l-persuni identifikati għal skopijiet ta' VAT ikunu ddikjaraw li l-attività ekonomika tagħhom kif definita fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/112/KE, tkun intemmet jew meta l-amministrazzjoni tat-taxxa kompetenti tqis li jkunu temmew din l-attività. Amministrazzjoni tat-taxxa tista' tippreżumi b'mod partikolari li persuna tkun temmet attività ekonomika meta, minkejja li tkun meħtieġa tagħmel hekk, dik il-persuna tkun naqset milli tippreżenta denunzji tal-VAT u dikjarazzjonijiet rikapitulattivi għal sena mill-iskandenzi għas-sottomissjonijiet wara t-tmiem tal-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-ewwel formola jew dikjarazzjoni nieqsa. Il-persuna għandu jkollha d-dritt li tagħti prova tal-eżistenza ta' attività ekonomika b'mezzi oħra;

(b) meta persuni jkunu ddikjaraw dejta falza sabiex jiksbu identifikazzjoni tal-VAT jew ikunu naqsu li jikkomunikaw tibdil fid-dejta tagħhom u, li kieku l-amministrazzjoni tat-taxxa kienet konxja ta' dan, din tal-aħħar kienet tkun irrifjutat l-identifikazzjoni għal skopijiet ta' VAT jew irtirat in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT.

Artikolu 24

Fejn, għall-iskopijiet tal-Artikoli 17 sa 21, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni b'mezzi elettroniċi, huma għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw konformità mal-Artikolu 55.

L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-iżviluppi kollha meħtieġa għas-sistemi tagħhom biex jippermettu l-iskambju ta' dik l-informazzjoni bl-użu tan-netwerk CCN/CSI.

KAPITOLU VI

TALBA GHAL NOTIFIKA AMMINISTRATTIVA

Artikolu 25

L-awtorità rikjesta għandha, fuq talba tal-awtorità rikjedenti u skont ir-regoli rigward in-notifika ta' atti simili fl-Istat Membru li fih hi stabbilita, tinnotifika lid-destinatarju bl-att u d-deċiżjonijiet kollha li joħorġu mill-awtoritajiet kompetenti u li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-VAT fit-territorju tal-Istat Membru li fih hi stabbilita l-awtorità rikjedenti.

▼B

Artikolu 26

Talbiet għan-notifika, li jsemmu s-suġġett tal-att jew tad-deċiżjoni li għandhom jiġu nnotifikati, għandhom jindikaw l-isem, l-indirizz u kull informazzjoni oħra rilevanti biex ikun identifikat id-destinatarju.

Artikolu 27

L-awtorità rikjesta għandha tinforma immedjatament lill-awtorità rikjedenti dwar ir-risposta għat-talba ta' notifika u, b'mod partikolari, bid-data li fiha d-deċiżjoni jew l-att ġew mgħarrfa lid-destinatarju.

KAPITOLU VII

PREŻENZA F'UFFIĊĊJI AMMINISTRATTIVI U PARTEĊIPAZZJONI F'INKJESTI AMMINISTRATTIVI

Artikolu 28

1. Bi ftehim bejn l-awtorità rikjedenti u l-awtorità rikjesta, u f'konformità mal-arranġamenti stabbiliti minn din tal-aħħar, uffiċjali awtorizzati mill-awtorità rikjedenti jistgħu, bil-għan li jiskambjaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1, ikunu preżenti fl-uffiċċji tal-awtoritajiet amministrattivi tal-Istat Membru rikjest, jew kwalunkwe post ieħor, fejn dawk l-awtoritajiet iwettqu l-ħidma tagħhom. Meta l-informazzjoni mitluba tinstab f'dokumentazzjoni li għalih għandhom aċċess l-uffiċjali tal-awtorità rikjesta, l-uffiċjali tal-awtorità rikjedenti għandhom jingħataw kopji tagħhom.

2. Bi ftehim bejn l-awtorità rikjedenti u l-awtorità rikjesta, u f'konformità mal-arranġamenti stabbiliti minn din tal-aħħar, l-uffiċjali awtorizzati mill-awtorità rikjedenti jistgħu, bil-għan li jiskambjaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1, ikunu preżenti waqt l-inkjesti amministrattivi mwettqa fit-territorju tal-Istat Membru rikjest. Dawn l-inkjesti amministrattivi għandhom jitwettqu b'mod esklussiv mill-uffiċjali tal-awtorità rikjesta. L-uffiċjali tal-awtorità rikjedenti m'għandhomx jeżerċitaw il-poteri ta' kontroll mogħtija lill-uffiċjali tal-awtorità rikjesta. Huma jistgħu, madankollu, ikollhom aċċess għall-istess bini u dokumenti bħal dawn tal-aħħar, permezz tal-intermedjazzjoni tal-uffiċjali tal-awtorità rikjestà u biss minħabba fit-twettiq tal-inkjesta amministrattiva.

3. L-uffiċjali tal-awtorità rikjedenti preżenti fi Stat Membru ieħor skont il-paragrafi 1 u 2 iridu fil-ħinijiet kollha jkunu kapaċi jipproduċu awtorità miktuba li fiha hemm imniżżel l-identità u l-kapaċità uffiċjali tagħhom.

KAPITOLU VIII

KONTROLLI SIMULTANJI

Artikolu 29

L-Istati Membri jistgħu jaqblu li jwettqu kontrolli simultanji kull meta jqisu li dawn il-kontrolli jkunu aktar effettivi mill-kontrolli magħmula minn Stat Membru wieħed biss.

▼B

Artikolu 30

1. Stat Membru għandu jidentifika indipendentament il-persuni taxxabli li li jkun bi ħsiebu jipproponi għal kontroll simultanju. L-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kkonċernati bil-każijiet proposti għal kontroll simultanju. Hija għandha tagħti r-raġunijiet għall-għażla tagħha, kemm jista' jkun possibli, billi tiġi pprovduta l-informazzjoni li wasslet għad-deċiżjoni tagħha. Hija għandha tispeċifika l-perijodu ta' żmien li matulu se jitmexxew dawn il-kontrolli.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jirċievi l-proposta għal kontroll simultanju għandha tikkonferma l-qbil tagħha jew tikkomunika r-rifjut motivat tagħha lill-awtorità tal-Istat Membru l-ieħor, fil-prinċipju fi żmien ġimgħatejn mir-riċevuta tal-proposta iżda mhux aktar tard minn xahar.

3. Kull awtorità kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandha taħtar rappreżentant biex ikun responsabbli għas-superviżjoni u għall-kordinazzjoni tal-operazzjoni ta' kontroll.

KAPITOLU IX

INFORMAZZJONI DWAR IL-PERSUNI TAXXABBLI

Artikolu 31

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom jiżguraw li persuni involuti fil-provvista intra-Komunitarja ta' oġġetti jew servizzi u persuni taxxabbli mhux stabbiliti li jfornu servizzi ta' telekomunikazzjoni, servizzi tax-xandir u servizzi pprvduti elettronikament, partikolarment dawk imsemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2006/112/KE, huma permessi jiksbu, għall-ħtiġijiet ta' dawn it-tranżazzjonijiet, konferma elettronika tal-validità tan-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT ta' kwalunkwe persuna speċifikata kif ukoll l-isem u l-indirizz li jikkorrispondu. Din l-informazzjoni għandha tikkorrispondi mad-dejta msemmija fl-Artikolu 17.

2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi l-konferma b'mezzi elettroniċi tal-isem u l-indirizz tal-persuna li jkun inħarġilha n-numru f'konformità mar-regoli nazzjonali tiegħu dwar il-protezzjoni tad-dejta.

3. Matul il-perijodu previst fl-Artikolu 357 tad-Direttiva 2006/112/KE, l-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għall-persuni taxxabbli li ma jipprovdux servizzi ta' telekomunikazzjoni u tax-xandir.

Artikolu 32

1. Il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, tippubblika fis-sit elettroniku tagħha d-dettalji dwar id-dispożizzjonijiet approvati minn kull Stat Membru li jittrasponu l-Kapitolu 3 tat-Titolu XI tad-Direttiva 2006/112/KE.

2. Id-dettalji u l-format tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata għandhom jiġu deċiżi skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2).

▼B

KAPITOLU X

EUROFISC

Artikolu 33

1. Sabiex tiġi promossa u ffaċilitata l-kooperazzjoni multilaterali fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, dan il-Kapitolu jistabbilixxi netwerk għall-iskambju rapidu ta' informazzjoni mmirata bejn l-Istati Membri minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Eurofisc".

2. Fil-qafas tal-Eurofisc, l-Istati Membri għandhom:

(a) jistabbilixxu mekkaniżmu multilaterali ta' twissija bikrija għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT;

(b) jikkoordinaw l-iskambju multilaterali fil-pront ta' informazzjoni mmirata fl-oqsma ta' ħidma fejn ser topera l-Eurofisc (minn hawn 'il quddiem imsejħin "l-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc");

(c) jikkoordinaw il-ħidma tal-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc tal-Istati Membri parteċipanti li jaġixxu fuq it-twissijiet li jirċievu.

Artikolu 34

1. L-Istati Membri għandhom jipparteċipaw fl-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc tal-għażla tagħhom u jistgħu wkoll jiddeċiedu li jtemmu l-parteċipazzjoni tagħhom.

2. L-Istati Membri li jkunu għażlu li jieħdu sehem f'qasam ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jipparteċipaw b'mod attiv fl-iskambju multilaterali ta' informazzjoni mmirata bejn l-Istati Membri parteċipanti kollha.

3. L-informazzjoni skambjata għandha tkun kunfidenzjali, kif prevista fl-Artikolu 55.

Artikolu 35

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Eurofisc b'appoġġ tekniku u loġistiku. Il-Kummissjoni m'għandux ikollha aċċess għall-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1, li tista' tiġi skambjata fl-Eurofisc.

Artikolu 36

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom jaħtru tal-inqas uffiċjal ta' kollegament wieħed tal-Eurofisc L-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc għandhom ikunu uffiċjali kompetenti fis-sens tal-Artikolu 2(1)(c) u għandhom iwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 33(2). Huma għandhom jibqgħu jagħtu kont biss lill-amministrazzjonijiet nazzjonali tagħhom.

2. L-uffiċjali ta' kollegament tal-Istati Membri li jipparteċipaw f'qasam ta' ħidma partikolari tal-Eurofisc (minn hawn 'il quddiem "uffiċjali ta' kollegament parteċipanti tal-Eurofisc") għandhom jaħtru koordinatur (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "koordinatur tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc"), minn fost l-uffiċjali ta' kollegament parteċipanti tal-Eurofisc, għal perijodu limitat. Il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc, għandhom:

▼B

(a) jiġbru flimkien l-informazzjoni li jirċievu mill-uffiċjali ta' kollegament parteċipanti tal-Eurofisc u jagħmlu l-informazzjoni kollha disponibbli għall-uffiċjali ta' kollegament parteċipanti l-oħrajn tal-Eurofisc. L-informazzjoni għandha tiġi skambjata b'mezzi elettroniċi;

(b) jiżguraw li l-informazzjoni li jirċievu mill-uffiċjali ta' kollegament parteċipanti tal-Eurofisc tiġi pproċessata, kif maqbul mill-parteċipanti fil-qasam ta' ħidma, u jagħmlu r-riżultat disponibbli għall-uffiċjali ta' kollegament parteċipanti tal-Eurofisc;

(c) jipprovdu feedback lill-uffiċjali ta' kollegament parteċipanti tal-Eurosfisc.

Artikolu 37

Il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jippreżentaw rapport annwali dwar l-attivitajiet ta' kull qasam ta' ħidma lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 58(1).

KAPITOLU XI

DISPOŻIZZJONIJIET DWAR L-ISKEMI SPEĊJALI FIL-KAPITOLU 6 TAT-TITOLU XII TAD-DIRETTIVA 2006/112/KE

SEZZJONI 1

Dispożizzjonijiet applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2014

Artikolu 38

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward tal-iskemi speċjali previsti fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE. Id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 358 ta' dik id-Direttiva għandhom japplikaw ukoll għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu.

Artikolu 39

1. L-informazzjoni pprovduta mill-persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fil-Komunità lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni, meta tibda l-attivitajiet tagħha skont l-Artikolu 361 tad-Direttiva 2006/112/KE, għandha tiġi ppreżentata b'mod elettroniku. Id-dettalji tekniċi, inkluż messaġġ elettroniku komuni, għandhom jiġu ddeterminati skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2) ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jittrasmetti din l-informazzjoni b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra fi żmien għaxart ijiem mill-aħħar tax-xahar li matulu rċevew l-informazzjoni mingħand il-persuna taxxabbli mhux stabbilita. Bl-istess mod l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra għandhom ikunu informati bin-numru ta' identifikazzjoni allokat. Id-dettalji tekniċi għat-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni, li jinkludu messaġġ elettroniku komuni, għandhom ikunu determinati skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2).

▼B

3. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jinforma mingħajr dewmien b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra jekk persuna taxxabbli mhux stabbilita tkun eskluża mir-reġistru ta' identifikazzjoni.

Artikolu 40

1. Id-denunzja bid-dettalji mniżżla fl-Artikoli 365 tad-Direttiva 2006/112/KE trid tiġi ppreżentata b'mod elettroniku. Id-dettalji tekniċi, inkluż messaġġ elettroniku komuni, għandhom jiġu ddeterminati skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2) ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jittrasmetti din l-informazzjoni b'mezzi elettroniċi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara l-aħħar tax-xahar li fih ġiet irċevuta d-denunzja. L-Istati Membri li jeżiġu li d-denunzja tat-taxxa ssir fil-munita nazzjonali għajr l-euro, għandhom jikkonvertu l-ammonti f'euro permezz tar-rata tal-kambju valida għall-aħħar ġurnata tal-perijodu ta' rappurtaġġ. Il-kambju għandu jsir wara li jkunu ppublikati mill-Bank Ċentrali Ewropew ir-rati tal-kambju għal dik il-ġurnata, jew, jekk m'hemmx pubblikazzjoni f'dik il-ġurnata, fuq ir-rati tal-kambju tal-ewwel ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni. Id-dettalji tekniċi għat-trasmissjoni tal-informazzjoni għandhom ikunu determinati skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2).

3. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jittrasmetti b'mezzi elettroniċi lill-Istat Membru ta' konsum l-informazzjoni meħtieġa biex kull ħlas jingħaqad ma' denunzja ta' kull tliet xhur rilevanti.

Artikolu 41

1. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jiżgura li l-ammont li ġie mħallas mill-persuna taxxabli mhux stabbilita ġie trasferut għall-kont bankarju denominat f'euro indikat mill-Istat Membru ta' konsum li lilu hu dovut il-ħlas. L-Istati Membri li jeħtieġu l-ħlas fil-munita nazzjonali għajr l-euro, għandhom jikkonvertu l-ammonti f'euro permezz tar-rata tal-kambju valida għall-aħħar data tal-perijodu ta' rappurtaġġ. Il-kambju għandu jsir wara li jkunu ppublikati mill-Bank Ċentrali Ewropew ir-rati tal-kambju għal dik il-ġurnata, jew, jekk m'hemmx pubblikazzjoni f'dik il-ġurnata, fuq ir-rati tal-kambju tal-ewwel ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni. It-trasferiment għandu jsir mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara l-aħħar tax-xahar li fih sar il-ħlas.

2. Jekk il-persuna taxxabbli mhux stabbilita ma tħallasx it-taxxa kollha dovuta, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jiżgura li l-ħlas jiġi trasferit lill-Istati Membri ta' konsum b'mod proporzjonali għat-taxxa dovuta f'kull Stat Membru. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jinforma b'mezzi elettroniċi dwar dan lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-konsum ikkonċernati.

Artikolu 42

L-Istati Membri għandhom jinformaw b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra dwar in-numri ta' kontijiet bankarji rilevanti għall-kreditu tal-ħlas skont l-Artikolu 41.

▼B

L-Istati Membri għandhom jinformaw mingħajr dewmien b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar tibdil fir-rata standard tat-taxxa.

SEZZJONI 2

Dispożizzjonijiet applikabbli mill-1 ta' Jannar 2015

Artikolu 43

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward tal-iskemi speċjali previsti fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE.

Artikolu 44

1. L-informazzjoni provduta mill-persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fil-Komunità lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni meta tibda l-attivitajiet tagħha skont l-Artikolu 361 tad-Direttiva 2006/112/KE għandha tiġi ppreżentata b'mod elettroniku. Id-dettalji tekniċi, inkluż messaġġ elettroniku komuni, għandhom jiġu ddeterminati skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2) ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jittrasmetti l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn, fi żmien għaxart ijiem mill-aħħar tax-xahar li matulu kienet irċevuta l-informazzjoni mill-persuna taxxabbli li mhijiex stabbilita fil-Komunità. Dettalji simili għall-identifikazzjoni tal-persuna taxxabbli li tapplika l-iskema speċjali skont l-Artikolu 369b tad-Direttiva 2006/112/KE għandhom jiġu trasmessi fi żmien għaxart ijiem mill-aħħar tax-xahar li matulu l-persuna taxxabbli tkun iddikjarat li l-attivitajiet taxxabbli tagħha taħt dik l-iskema jkunu nbdew. Bl-istess mod l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn għandhom jiġu infurmati bin-numru ta' identifikazzjoni allokat.

Id-dettalji tekniċi, inkluż messaġġ elettroniku komuni, li bih għandha tiġi trasmessa din l-informazzjoni, għandhom jiġu ddeterminati skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2) ta' dan ir-Regolament.

3. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu mingħajr dewmien jinforma b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn jekk persuna taxxabbli mhux stabbilita fil-Komunità jew persuna taxxabbli mhux stabbilita fl-Istat Membru tal-konsum tkun eskluża mill-iskema speċjali.

Artikolu 45

1. Id-denunzja bid-dettalji mniżżla fl-Artikoli 365 u 369g tad-Direttiva 2006/112/KE trid tiġi ppreżentata b'mod elettroniku. Id-dettalji tekniċi, inkluż messaġġ elettroniku komuni, għandhom jiġu ddeterminati skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2) ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jittrasmetti din l-informazzjoni b'mezzi elettroniċi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-konsum ikkonċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara l-aħħar tax-xahar li fih ġiet irċevuta d-denunzja. L-informazzjoni prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 369g tad-Direttiva 2006/112/KE għandha tiġi trasmessa wkoll lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' stabbiliment ikkonċernat. L-Istati Membri li jeżiġu li d-denunzja tat-taxxa

▼B

ssir f'munita nazzjonali għajr l-euro, għandhom jikkonvertu l-ammonti f'euro permezz tar-rata tal-kambju valida għall-aħħar ġurnata tal-perijodu ta' rappurtaġġ. Il-kambju għandu jsir wara li jkunu ppubblikati mill-Bank Ċentrali Ewropew ir-rati tal-kambju għal dik il-ġurnata, jew, jekk ma jkunx hemm pubblikazzjoni f'dik il-ġurnata, fil-ġurnata ta' pubblikazzjoni li jmiss. Id-dettalji tekniċi għat-trasmissjoni tal-informazzjoni għandhom ikunu determinati skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2) ta' dan ir-Regolament.

3. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jittrasmetti b'mezzi elettroniċi lill-Istat Membru ta' konsum l-informazzjoni meħtieġa biex kull ħlas jitqabbel mad-denunzja tat-taxxa ta' kull tliet xhur rilevanti.

Artikolu 46

1. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jiżgura li l-ammont li ġie mħallas mill-persuna taxxabli mhux stabbilita jiġi trasferut għall-kont bankarju denominat f'euro, indikat mill-Istat Membru ta' konsum li lilu hu dovut il-ħlas. L-Istati Membri li jeħtieġu l-ħlas fil-munita nazzjonali għajr l-euro għandhom jikkonvertu l-ammonti f'euro permezz tar-rata ta' kambju valida għall-aħħar data tal-perijodu ta' rappurtaġġ. Il-kambju għandu jsir wara li jkunu ppubblikati mill-Bank Ċentrali Ewropew ir-rati tal-kambju għal dik il-ġurnata, jew, jekk m'hemmx pubblikazzjoni f'dik il-ġurnata, fuq ir-rati tal-kambju tal-ewwel ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni. It-trasferiment għandu jsir mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara l-aħħar tax-xahar li fih sar il-ħlas.

2. Jekk il-persuna taxxabbli mhux stabbilita ma tħallasx it-taxxa kollha dovuta, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jiżgura li l-ħlas jiġi trasferit lill-Istati Membri ta' konsum bi proporzjon għat-taxxa dovuta f'kull Stat Membru. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jinforma b'mezzi elettroniċi dwar dan lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-konsum b'dan.

3. Fir-rigward ta' pagamenti li għandhom jiġu trasferiti lill-Istat Membru tal-konsum skont l-iskema speċjali prevista fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu l-jedd li, mill-ammonti msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi, iżomm:

(a) mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2016 — 30 %;

(b) mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2018 — 15 %;

(c) mill-1 ta' Jannar 2019 — 0 %.

Artikolu 47

L-Istati Membri għandhom jinformaw b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra dwar in-numri ta' kontijiet bankarji rilevanti għall-kreditu tal-ħlas skont l-Artikolu 46.

L-Istati Membri għandhom jinformaw mingħajr dewmien b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar tibdil fir-rata tat-taxxa applikabbli għall-provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni, servizzi tax-xandir u servizzi fornuti elettronikament.

▼B

KAPITOLU XII

SKAMBJU U KONSERVAZZJONI TA' INFORMAZZJONI FIL-KUNTEST TAL-PROĊEDURA GĦAR-RIFUŻJONI TAL-VAT LIL PERSUNI TAXXABBLI MHUX STABBILITI FL-ISTAT MEMBRU TA' RIFUŻJONI IŻDA STABBILITI FI STAT MEMBRU IEHOR

Artikolu 48

1. Fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' stabbiliment tirċievi applikazzjoni għal rifużjoni tal-VAT skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/9/KE u l-Artikolu 18 ta' dik id-Direttiva ma jkunx applikabbli, hija għandha, fi żmien 15-il jum kalendarju mir-riċeviment tagħha u b'mezzi elettroniċi, tgħaddi l-applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru ta' rifużjoni konċernat b'konferma li l-applikant kif definit fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2008/9/KE tkun persuna taxxabbli għall-finijiet tal-VAT u li n-numru ta' identifikazzjoni jew reġistrazzjoni mogħti minn din il-persuna huwa validu għall-perijodu ta' rifużjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru ta' rifużjoni għandhom jinnotifikaw b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe informazzjoni mitluba minnhom skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2008/9/KE. Id-dettalji tekniċi, inkluż messaġġ elettroniku komuni, li bih għandha tiġi trasmessa din l-informazzjoni, għandhom jiġu ddeterminati skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2) ta' dan ir-Regolament.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru ta' rifużjoni għandhom jinnotifikaw b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra jekk huma jkunu jridu jagħmlu użu mill-għażla li jitolbu lill-applikant jipprovdi d-deskrizzjoni tal-attività tan-negozju b'kodiċijiet armonizzati kif imsemmi fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2008/9/KE.

Il-kodiċijiet armonizzati msemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu ddeterminati skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2) ta' dan ir-Regolament abbażi tal-klassifika tan-NACE stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 ([1]).

KAPITOLU XIII

RELAZZJONIJIET MAL-KUMMISSJONI

Artikolu 49

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jeżaminaw u jivvalutaw kif qegħdin jaħdmu l-arranġamenti għal kooperazzjoni amministrattiva prevista f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tgħaqqad l-esperjenza tal-Istati Membri bil-għan li ttejjeb l-operazzjoni ta' dawk l-arranġamenti.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull informazzjoni disponibbli rilevanti għall-applikazzjoni li dawn jagħtu għal dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

▼B

3. Lista ta' informazzjoni ta' statistika bżonnjuża għall-valutazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tiġi determinata skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2). L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw din l-informazzjoni lill-Kummissjoni sakemm tkun disponibbli u sakemm il-komunikazzjoni ma tinvolvix piżijiet amministrattivi li ma jkunux ġustifikati.

4. Bil-għan li tiġi vvalutata l-effettività ta' din is-sistema ta' kooperazzjoni amministrattiva fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa, l-Istati Membri jistgħu jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull informazzjoni oħra msemmija fl-Artikolu 1.

5. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

6. Meta jkun meħtieġ, apparti minn dak li huwa meħtieġ f'dispożizzjonijiet oħra f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru l-informazzjoni li tista' tippermettilhom jiġġieldu l-frodi fil-qasam tal-VAT malli tikseb din l-informazzjoni.

7. Il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' Stat Membru, tipprovdi l-perizji, l-assistenza teknika jew loġistika tagħha, jew kwalunkwe appoġġ ieħor sabiex jitwettqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU XIV

RELAZZJONIJIET MA' PAJJIŻI TERZI

Artikolu 50

1. Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tirċievi informazzjoni minn pajjiż terz, dik l-awtorità tista' tgħaddi l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri li juru interess fiha u, f'kull każ, lil dawk kollha li jitolbuha, sakemm dan hu permess b' arranġamenti ta' assistenza ma' dak il-pajjiż terz partikolari.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkomunikaw, konformement mad-dispożizzjonijiet domestiċi tagħhom dwar il-komunikazzjoni ta' dejta personali lil pajjiżi terzi, informazzjoni miksuba konformement ma' dan ir-Regolament lil pajjiż terz, bil-kondizzjoni li jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru mnejn toriġina l-informazzjoni jkun ta l-kunsens għal dik il-komunikazzjoni, u

(b) il-pajjiż terz ikkonċernat ikun intrabat li jipprovdi l-kooperazzjoni meħtieġa biex tinġabar evidenza tan-natura irregolari tat-transazzjonijiet li jidhru kontrarji għal-leġislazzjoni tal-VAT.

KAPITOLU XV

KONDIZZJONIJIET LI JIRREGOLAW L-ISKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

Artikolu 51

1. Informazzjoni kkomunikata skont dan ir-Regolament għandha, sakemm ikun possibli, tkun ipprovduta b'mezzi elettroniċi taħt l-arranġamenti li għandhom ikunu adottati skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2).

▼B

2. Meta t-talba ma tkunx ġiet ippreżentata kollha permezz tas-sistema elettronika msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità rikjesta għandha tikkonferma li rċeviet it-talba b'mezzi elettroniċi mingħajr dewmien, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn ħames ġranet ta' xogħol wara li tkun irċevietha.

Meta awtorità tkun irċeviet talba jew informazzjoni li hija ma kinitx irriċevitur intenzjonat tagħha, din għandha tibgħat messaġġ b'mezzi elettroniċi lill-emittent mingħajr dewmien, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn ħames ġranet ta' xogħol wara li tkun irċevietha.

Artikolu 52

Talbiet għall-għajnuna, inkluż talbiet għan-notifika, u dokumenti meħmuża jistgħu jsiru f'kwalunkwe lingwa miftiehma mill-awtorità rikjesta u dik rikjedenti. Dawn it-talbiet għandhom ikunu akkumpanjati minn traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih hi stabbilita l-awtorità rikjesta, f'każijiet speċjali fejn l-awtorità rikjesta tagħti raġuni għat-talba ta' din it-traduzzjoni.

Artikolu 53

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi eżistenti jew ġodda ta' skambju ta' komunikazzjoni jew ta' informazzjoni li huma meħtieġa sabiex jipprovdu għall-iskambji ta' informazzjoni deskritti f'dan ir-Regolament ikunu operattivi. Ftehim dwar il-livell tas-servizz li jiżgura l-kwalità teknika u l-kwantità tas-servizzi li għandhom jingħataw mill-Kummissjoni u l-Istati Membri għall-funzjonament ta' dawn is-sistemi ta' komunikazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni għandu jiġi deċiż f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2). Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għal kwalunkwe żvilupp tan-netwerk CCN/CSI li jkun meħtieġ sabiex jippermetti l-iskambju ta' din l-informazzjoni bejn l-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għal kwalunkwe żvilupp tas-sistemi tagħhom li jkun meħtieġ sabiex jippermetti li din l-informazzjoni tiġi skambjata bl-użu tan-netwerk CCN/CSI.

L-Istati Membri għandhom iċedu t-talbiet kollha biex jiġu mħallsa lura l-ispejjeż minfuqa sabiex jiġi applikat dan ir-Regolament ħlief, fejn xieraq, fir-rigward ta' ħlas lill-esperti.

Artikolu 54

1. L-awtorità rikjesta fi Stat Membru wieħed għandha tipprovdi lil awtorità rikjedenti fi Stat Membru ieħor l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 bil-kondizzjoni li:

(a) in-numru u n-natura tat-talbiet għal informazzjoni magħmula mill-awtorità rikjedenti f'perijodu speċifikat ma jimponux piż amministrattiv sproporzjonat fuq dik l-awtorità rikjesta;

(b) dik l-awtorità rikjesta użat is-sorsi kollha abitwali tal-informazzjoni li setgħet tuża fiċ-ċirkustanzi biex tikseb l-informazzjoni mitluba, mingħajr ir-riskju li tikkompromietti l-kisba tar-riżultat mixtieq.

▼B

2. Dan ir-Regolament m'għandu jimponi l-ebda obbligu li jkun hemm inkjesti magħmula jew li tkun ipprovduta informazzjoni fuq każ partikolari jekk il-liġijiet jew il-prattiċi amministrattivi tal-Istat Membru li jrid jipprovdi l-informazzjoni ma jawtorizzawx lill-Istat Membru biex iwettaq dawn l-inkjesti jew jiġbor jew juża dik l-informazzjoni għall-iskopijiet proprji tal-Istat Membru.

3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru rikjest tista' tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni meta l-Istat Membru rikjedenti ma jistax, għal raġunijiet ġuridiċi, jipprovdi informazzjoni simili. Il-Kummissjoni għandha tkun informata fuq il-bażi ta' rifjut mill-Istat Membru rikjest.

4. It-trasmissjoni ta' informazzjoni tista' tkun rifjutata fil-każ li twassal għall-iżvelar ta' sigriet kummerċjali, industrijali jew professjonali jew ta' proċess kummerċjali, jew ta' informazzjoni li l-kxif tagħha jmur kontra l-politika pubblika.

5. Il-paragrafi 2, 3 u 4 ma jistgħu fl-ebda każ jiġu interpretati b'tali mod li jippermettu awtorità rikjesta ta' Stat Membru tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni dwar persuna taxxabbli identifikata għall-finijiet tal-VAT fl-Istat Membru tal-awtorità rikjedenti għar-raġuni waħdanija li din l-informazzjoni qed tinżamm minn bank, istituzzjoni finanzjarja oħra, persuna nominata bħala aġent jew f'kapaċità fiduċjarja jew li qed taġixxi bħala tali jew minħabba li tirrelata ma' interess ta' proprjetà f'persuna ġuridika.

6. L-awtorità rikjesta għandha tinforma lill-awtorità rikjedenti dwar ir-raġuni ta' rifjut ta' talba għall-għajnuna.

7. Limitu minimu li jista' jwassal għal talba għall-għajnuna jista' jkun adottat skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 58(2).

Artikolu 55

1. L-informazzjoni kkomunikata jew miġbura f'kull forma skont dan ir-Regolament, inkluża l-informazzjoni kollha li l-uffiċjal seta' kellu aċċess għaliha fiċ-ċirkustanzi previsti fil-Kapitolu VII, fil-Kapitolu VIII u fil-Kapitolu X kif ukoll fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għandha tkun koperta bl-obbligu ta' sigriet uffiċjali u tgawdi mill-protezzjoni estiża għal informazzjoni simili kemm taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li rċevieha kif ukoll tal-istandards korrispondenti applikabbli għall-awtoritajiet tal-Unjoni. Din l-informazzjoni għandha tintuża biss fiċ-ċirkustanzi previsti minn dan ir-Regolament.

Din l-informazzjoni tista' tintuża għall-iskop biex tiġi stabbilita bażi ta' valutazzjoni jew il-kollezzjoni jew il-kontroll amministrattiv tat-taxxa għall-iskop biex tiġi stabbilita l-bażi ta' valutazzjoni.

▼B

L-informazzjoni tista' tintuża wkoll għall-valutazzjoni ta' imposti, dazji u taxxi oħra koperti bl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/55/KE tas-26 ta' Mejju 2008 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet rigward ċerti imposti, dazji, taxxi u miżuri oħra ([1]).

Barra minn hekk, tista' tintuża flimkien mal-proċedimenti ġudizzjarji li jistgħu jinvolvu pieni, li jibdew bħala riżultat ta' ksur tal-liġi tat-taxxa mingħajr preġudizzju għar-regoli ġenerali u d-disposizzjonijiet ġuridiċi li jirregolaw id-drittijiet tal-konvenuti u tax-xhieda f'dawn il-proċedimenti.

2. Il-persuni debitament akkreditati mill-Awtorità ta' Akkreditament f'kwistjonijiet ta' Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea jistgħu jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni biss sakemm tkun neċessarja għall-assistenza, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tan-netwerk tas-CCN/CSI.

3. Permezz ta'deroga mill-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jipprovdi l-informazzjoni għandha tippermetti l-użu tagħha għal skopijiet oħra fl-Istat Membru tal-awtorità rikjedenti, jekk, skont il-leġislazzjoni tal-Istat Membru tal-awtorità rikjesta, l-informazzjoni tista' tintuża għal skopijiet simili.

4. Fejn l-awtorità rikjedenti tikkonsidra li dik l-informazzjoni li hi rċeviet mill-awtorità rikjesta tista' tkun bżonnjuża għall-awtorita kompetenti ta' Stat Membru terz, tista' titrasmettiha lil din l-awtorità tal-aħħar. Għandha tinforma lill-awtorità rikjesta b'dan bil-quddiem. L-awtorità rikjesta tista' tirrikjedi li t-trasmissjoni tal-informazzjoni lil parti terza tkun soġġetta għal qbil dwarha minn qabel.

5. Kull ħażna jew skambju ta' informazzjoni msemmija f'dan ir-Regolament hija suġġetta għad-dispożizzjonijiet li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE. Madankollu, l-Istati Membri għandhom, għall-iskop tal-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, jirrestrinġu l-iskop tal-obbligi u d-drittijiet previsti fl-Artikolu 10, l-Artikolu 11(1), l-Artikoli 12 u 21 tad-Direttiva 95/46/KE sal-limitu meħtieġ sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi msemmija fl-Artikolu 13(1)(e) ta' dik id-Direttiva.

Artikolu 56

Rapporti, dikjarazzjonijiet u dokumenti oħra, kopji ċertifikati u estratti minnhom, miksuba mill-persunal tal-awtorità rikjesta u kkomunikati lill-awtorità rikjedenti taħt l-għajnuna pprovduta b'dan ir-Regolament jistgħu jkunu użati bħala evidenza mill-korpi kompetenti tal-Istat Membru tal-awtorità rikjedenti fuq l-istess bażi ta' dokumenti simili pprovduti minn awtorità oħra ta' dak il-pajjiż.

([1]) ĠU L 150, 10.6.2008, p. 28.

▼B

Artikolu 57

1. Għall-fini ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex:

(a) jiżguraw kordinazzjoni interna effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti;

(b) jistabbilixxu kooperazzjoni diretta bejn l-awtoritajiet awtorizzati għall-fini ta' din il-koordinazzjoni;

(c) jiżguraw il-funzjonament tajjeb tal-arranġamenti għal skambju ta' informazzjoni previsti f'dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lil kull Stat Membru, kemm jista' jkun malajr, kull informazzjoni li hija tirċievi u li hija kapaċi tipprovdi.

KAPITOLU XVI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 58

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE wara li jkunu ġew ikkunsidrati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

Artikolu 59

1. Sal-1 ta' Novembru 2013 u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' kull dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'dan ir-Regolament.

Artikolu 60

1. Dan ir-Regolament għandhom ikunu mingħajr ħsara għat-twettiq ta' kwalunkwe obbligu usa' fir-rigward ta' għajnuna reċiproka li jirriżulta minn atti legali oħra, inklużi ftehimiet bilaterali jew multilaterali.

2. Meta l-Istati Membri jikkonkludu ftehimiet bilaterali dwar kwistjonijiet koperti b'dan ir-Regolament, b'mod partikolari skont l-Artikolu 11, u meta dawn il-ftehimiet ma jirrigwardawx każijiet individwali, huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Minnaħa tagħha, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra.

▼B

Artikolu 61

Ir-Regolament (KE) Nru 1798/2003 għandu jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2012. Madankollu, l-effetti tal-Artikolu 2(1) ta' dak ir-Regolament għandhom jinżammu sad-data tal-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tal-lista tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Il-Kapitolu V, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 27(4), ta' dak ir-Regolament għandu jibqa' applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2012.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 62

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Madankollu, l-Artikoli 33 sa 37 għandhom japplikaw mill-1 ta' Novembru 2010;

Il-Kapitolu V, bl-eċċezzjoni għall-Artikoli 22 u 23 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2013;

— L-Artikoli 38 sa 42 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2014; u

— L-Artikoli 43 sa 47 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Lista ta’ provvisti ta’ oġġetti u servizzi li għalihom japplika l-Artikolu 7(3) u (4):

1. Il-bejgħ b’distanza (l-Artikoli 33 u 34 tad-Direttiva 2006/112/KE);
2. Is-servizzi marbuta ma’ proprjetà immobbli (l-Artikolu 47 tad-Direttiva 2006/112/KE);
3. Is-servizzi ta’ telekommunikazzjoni, xandir bir-radju u televiżjoni u servizzi pprovduti elettronikament (l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2006/112/KE);
4. Il-kiri, ħlief għal kiri għall-perijodu qasir, ta’ mezz ta’ trasport lil persuna mhux taxxabbli (l-Artikolu 56 tad-Direttiva 2006/112/KE).

▼B

ANNESS II

Regolament imħassar bl-emendi suċċessivi tiegħu

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003	ĠU L 264, 15.10.2003, p. 1.
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 885/2004	ĠU L 168, 1.5.2004, p. 1.
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006	ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1.
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 143/2008	ĠU L 44, 20.2.2008, p. 1.
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 37/2009	ĠU L 14, 20.1.2009, p. 1.

▼B

ANNESS III

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Regolament (KE) Nru 1798/2003	Dan ir-Regolament
L-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 1(1)	L-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 1(1)
It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(1)	—
Ir-raba' subparagrafu ta-Artikolu 1(1)	L-Artikolu 1(4)
L-Artikolu 1(2)	L-Artikolu 1(3)
L-Artikolu 2(1)(1)	L-Artikolu 3
L-Artikolu 2(1)(2)	L-Artikolu 2(1)(a)
L-Artikolu 2(1)(3)	L-Artikolu 2(1)(b)
L-Artikolu 2(1)(4)	L-Artikolu 2(1)(c)
L-Artikolu 2(1)(5)	L-Artikolu 2(1)(d)
L-Artikolu 2(1)(6)	L-Artikolu 2(1)(e)
L-Artikolu 2(1)(7)	L-Artikolu 2(1)(f)
L-Artikolu 2(1)(8)	L-Artikolu 2(1)(g)
L-Artikolu 2(1)(9)	L-Artikolu 2(1)(h)
L-Artikolu 2(1)(10)	L-Artikolu 2(1)(i)
L-Artikolu 2(1)(11)	L-Artikolu 2(1)(j)
L-Artikolu 2(1)(12)	L-Artikolu 2(1)(k)
L-Artikolu 2(1)(13)	L-Artikolu 2(1)(l)
L-Artikolu 2(1)(14)	—
L-Artikolu 2(1)(15)	L-Artikolu 2(1)(m)
L-Artikolu 2(1)(16)	L-Artikolu 2(1)(n)
L-Artikolu 2(1)(17)	—
L-Artikolu 2(1)(18)	L-Artikolu 2(1)(p)
L-Artikolu 2(1)(19)	L-Artikolu 2(1)(q)
L-Artikolu 2(2)	L-Artikolu 2(2)

▼B

Regolament (KE) Nru 1798/2003	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 3(1)	—
L-Artikolu 3(2)	L-Artikolu 4(1)
L-Artikolu 3(3)	L-Artikolu 4(2)
L-Artikolu 3(4)	L-Artikolu 4(3)
L-Artikolu 3(5)	L-Artikolu 4(4)
L-Artikolu 3(6)	L-Artikolu 5
L-Artikolu 3(7)	L-Artikolu 6
L-Artikolu 4	—
L-Artikolu 5(1)	L-Artikolu 7(1)
L-Artikolu 5(2)	L-Artikolu 7(2)
L-Artikolu 5(3)	Sal-31 ta' Diċembru 2014: l-Artikolu 7(3) Mill-1 ta' Jannar 2015: l-Artikolu 7(4)
L-Artikolu 5(4)	L-Artikolu 7(5)
L-Artikolu 6	L-Artikolu 8
L-Artikolu 7	L-Artikolu 9
L-Artikolu 8	L-Artikolu 10
L-Artikolu 9	L-Artikolu 11
L-Artikolu 10	L-Artikolu 12
L-Artikolu 11	L-Artikolu 28
L-Artikolu 12	L-Artikolu 29
L-Artikolu 13	L-Artikolu 30
L-Artikolu 14	L-Artikolu 25
L-Artikolu 15	L-Artikolu 26
L-Artikolu 16	L-Artikolu 27
L-Artikolu 17, l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 13(1)
L-Artikolu 17, it-tieni subparagrafu	L-Artikolu 14(2)
L-Artikolu 18	L-Artikolu 14(1), l-ewwel subparagrafu
L-Artikolu 19	—
L-Artikolu 20	—
L-Artikolu 21	L-Artikolu 14(1), it-tieni subparagrafu

▼B

Regolament (KE) Nru 1798/2003	Dan ir-Regolament
L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(1)	Artikolu 17(1)(a)
It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22(1)	L-Artikolu 18
L-Artikolu 22(2)	L-Artikolu 19
L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 23	L-Artikolu 21(2)(a) u (b)
It-tieni paragrafu tal-Artikolu 23	It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 21(2)
L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 24, punt (1)	L-Artikolu 21(2)(c)
L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 24, punt (1)	L-Artikolu 21(2)(d)
It-tieni paragrafu tal-Artikolu 24	It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 21(2)
L-Artikolu 25(1)	L-Artikolu 20(1)
L-Artikolu 25(2)	L-Artikolu 20(2)
L-Artikolu 25(3)	—
L-Artikolu 26	L-Artikolu 24, l-ewwel subparagrafu
L-Artikolu 27(1)	Artikolu 17(1)(b)
L-Artikolu 27(2)	L-Artikolu 17(1)(b) u l-Artikolu 21(1)
L-Artikolu 27(3)	L-Artikolu 17(1)(b) u l-Artikolu 21(1)
L-Artikolu 27(4)	L-Artikolu 31
L-Artikolu 27(5)	L-Artikolu 24
L-Artikolu 28	Sal-31 ta' Diċembru 2014: l-Artikolu 38 Mill-1 ta' Jannar 2015: l-Artikolu 43
L-Artikolu 29	Sal-31 ta' Diċembru 2014: l-Artikolu 39 Mill-1 ta' Jannar 2015: l-Artikolu 44
L-Artikolu 30	Sal-31 ta' Diċembru 2014: l-Artikolu 40 Mill-1 ta' Jannar 2015: l-Artikolu 45
L-Artikolu 31	L-Artikolu 17(1)(d)
L-Artikolu 32	Sal-31 ta' Diċembru 2014: l-Artikolu 41 Mill-1 ta' Jannar 2015: l-Artikolu 46

▼B

Regolament (KE) Nru 1798/2003	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 33	Sal-31 ta' Diċembru 2014: l-Artikolu 42 Mill-1 ta' Jannar 2015: l-Artikolu 47
L-Artikolu 34	—
Artikolu 34a	L-Artikolu 48
L-Artikolu 35	L-Artikolu 49
L-Artikolu 36	L-Artikolu 50
L-Artikolu 37	L-Artikolu 51(1)
L-Artikolu 38	L-Artikolu 52
L-Artikolu 39	L-Artikolu 53
L-Artikolu 40	L-Artikolu 54
L-Artikolu 41	L-Artikolu 55
L-Artikolu 42	L-Artikolu 56
L-Artikolu 43	L-Artikolu 57
L-Artikolu 44	L-Artikolu 58
L-Artikolu 45	L-Artikolu 59
L-Artikolu 46	L-Artikolu 60
L-Artikolu 47	L-Artikolu 61
L-Artikolu 48	L-Artikolu 62